MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2010

Avviz Numru. 211/2007

**Korporazzjoni ghax-Xoghol u Tahrig**

**vs**

**Joseph Genovese**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-10 ta' Lulju, 2007 li permezz taghha l-Korporazzjoni rikorrenti sejhet lill-intimat quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lil-Korporazzjoni rikorrenti s-somma ta' erbat elef, mija u hamsa u sebghin Liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu, (Lm4,175.81), dovuta minnhu lilha talli abbanduna x-xoghol tieghu qabel iz-zmien miftiehem fil-kuntratt tax-xoghol datat l-1 ta' Jannar, 2006;

2. Bl-imghax dekorribbli skont il-ligi mill-11 ta’ Mejju, 2007, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta’ Mejju, 2007, u tal-ittra bonarja tal-20 ta’ April, 2007;

3. Illi l-intimat hu ngunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-intimat datata d-9 t’Ottubru, 2007, li permezz taghha wiegeb is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-esponenti ma abbandunax il-post tax-xoghol tieghu imma kien sforzat illi jitlaq stante *constructive dismissal*, kif se jigi pprovat ahjar fil-mori tal-kawza;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri permessi mill-ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Ezaminat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tar-rapprezentant legali tal-Korporazzjoni rikorrenti;

Tissottolinea li la l-intimat u lanqas ir-rapprezentant legali tieghu ma jirrizultaw li dehru fl-udjenza rizervata esspressament ghat-trattazzjoni finali tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-intimat Genovese kien gie impjegat bhala skrivan mill-Korporazzjoni rikorrenti permezz ta' kuntratt definit datat it-2 t'Awwissu, 2005, (ara fol 24-28), u dan ghall-perjodu bejn id-29 ta' Lulju, 2005, sal-31 ta' Dicembru, 2005, b'hames xhur '*probation'*;

2. Illi gie impjegat regolarment mal-Korporazzjoni de quo mill-1 ta' Jannar, 2006;

3. Illi fil-11 ta' Jannar, 2007, jirrizulta li l-intimat dahal ghax-xoghol fl-ufficji tal-Korporazzjoni rikorrenti regolarment izda ghall-habta tad-disgha (9.00a.m.) u d-disgha w nofs (9.30a.m.) ta' filghodu "… l-impjegati ndunaw illi l-konvenut *(intimat)* Genovese ma kienx ghadu fuq il-post tax-xoghol. Saret verifika biex naraw fejn kien jinsab…", (ara fol 22), u peress li ma nstab imkien sar anke rapport fl-ghassa tal-Pulizija;

4. Illi permezz ta' ittra datata l-15 ta' Jannar, 2007, ic-*Chief Executive Officer* tal-istess Korporazzjoni de quo informat lill-intimat li kien jirrizulta li hu kien abbanduna l-post tax-xoghol fil-11 ta' Jannar, 2007, u li ma kienx irritorna aktar, u li jekk jaghti l-kaz li s-sitwazzjoni kienet ser tibqa' l-istess saz-19 ta' l-istess xahar hawn indikat, l-intimat kien ser jigi kkonsiderat li abbanduna l-impjieg tieghu mal-Korporazzjoni u li allura jiskattaw il-klawsoli relattivi tal-Ftehim Kollettiv indikati lilhu fl-istess komunika, (ara fol 36);

5. Illi permezz ta' ittra ohra sussegwenti tal-istess ufficjal tal-Korporazzjoni de quo indikata fil-paragrafu precedenti u datata d-19 ta' Jannar, 2007, l-intimat gie informat li peress li l-atteggjament tieghu kif indikat fil-paragrafu precedenti ma nbidilx, hu kien gie meqjus li abbanduna l-impjieg tieghu ghall-perjodu ta' gimgha fit-termini tal-Ftehim Kollettiv u konsegwentement l-istess impjieg tieghu kien qed jigi terminat b'effett mid-data ta' din l-istess komunika, (ara fol 37);

6. Illi konsegwentement bdew jiskattaw il-kondizzjonijiet relattivi tal-Ftehim Kollettiv fuq riferit;

7. Illi effettivament ittiehdet in konsiderazzjoni l-klawsola punittiva; il-perjodu dovut lill-intimat ghall-vaganzi ammontanti komplessivament f'erbat ijiem u nofs; gie ezaminat l-ammont ta' granet li l-intimat kien ghad baqalu jahdem u rrizulta li fil-mument tal-abbandun tal-impjieg tieghu, l-intimat kien ghad baqghalu jahdem seba' mija u sebat ijiem, (707), granet ta' xoghol, (ara fol 66), ekwivalenti ghall-erbat elef mija u erba' u sebghin Lira Maltin, (Lm 4, 174.00), liema ammont gie wkoll verifikat u kkonfermat mid-dipartiment responsabbli mir-relazzjonijiet industrijali;

8. Illi stante li l-intimat ma hallasx l-ammont minnhu dovut lill-Korporazzjoni fuq indikata kif fuq stabbilit, din ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tirrikorri ghall-din il-procedura odjerna;

Ikkunsidrat:

Illi in difesa, l-intimat sintetikament isostni li hu kien sforzat jitlaq mill-impjieg tieghu minn mal-Korporazzjoni rikorrenti;

Ikkunsidrat:

Illi r-risposta tal-intimat ghat-talbiet tal-Korporazzjoni rikorrenti hi attentat biex tisvija l-vertenza vera sottomessa quddiem din il-qorti, u tistieden lill-istess qorti tesplora sitwazzjoni li gurisdizjonalment ma taqax fil-kompetenza taghha li tesplora;
Illi kif gie ritenut mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha datata t-23 ta' Frar, 2005, li r-rapprezentant legali tal-Korporazzjoni rikorrenti ghandu jigi lodat stalli pprezenta kopja taghha fl-atti processwali, kwistjonijiet li jikkoncernaw tkeccija ngusta huma rizervati esspressament ghall-analizi u decizjoni tat-Tribunal

Industrijali u li allura kif esprimiet ruha l-istess Qorti hawn indikata din il-kwistjoni sollevata mill-intimat,

"… ghalhekk esorbitat ruhha mill-isfera ta' kompetenza tal-qrati biex ghaddiet lit-tribunal specjali ";

Illi ghaldaqstant, qed tirrespingi din ir-risposta partikolari tal-intimat Genovese, bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

Illi rigward il-meritu proprju tal-vertenza, senjatament l-abbandun tal-impjieg da parte tal-intimat, ghandu jinghad li ghalkemm l-istess intimat kellu l-opportunita` jressaq il-posizzjoni tieghu fir-rigward; minflok jirrizulta li indirizza l-fatt li kien kuntent fuq ix-xoghol; li qabditu kondizzjoni psikologika wara xi diverbji ma xi klijenti; li qatt ma ha xi gurnata vaganza minn fuq ix-xoghol, u li nbidillu xogholu;

Illi kif isostni l-istess intimat Genovese, jirrizulta li meta ma ghogbux ix-xoghol il-gdid li inghata "… allura tlaqt mill-Korporazzjoni", (ara fol 43);

Ikkunsidrat:

Illi effettivament kliem bhal dan, mistqarr liberament bil-gurament taht il-garanziji kollha ta' qorti li zzomm quddiem nett il-valur tas-sovranita` tad-dritt, jikkostitwixxi xejn aktar minn ammissjoni diretta tat-talbiet tal-Korporazzjoni rikorrenti;

Illi ghaldaqstant tqis li l-Korporazzjoni rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement filwaqt li:

1. Tiddikjara li bl-agir tieghu fuq sintetikament elenkat l-intimat Genovese abbanduna unilateralment l-impjieg tieghu minn mal-Korporazzjoni rikorrenti;

2. Tikkundanna lill-intimat Joseph Genovese biex ihallas lill-Korporazzjoni rikorrenti s-somma ta' erbat elef mija u erba' u sebghin Lira Maltin, (Lm 4,174.00),

ekwivalenti ghall-disat elef seba’ mija u tnejn u ghoxrin Ewro u tmenin centezmu, (€9,722.80), dovuta minnhu talli abbanduna x-xoghol tieghu qabel iz-zmien pattwit;

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skont il-ligi kif mitluba fir-rikors promotur kontra l-istess intimat Joseph Genovese.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------